# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-15 ta' April 2024**

**Talba nru. 105/2021 IS**

**CARMEL sive CHARLES MICALLEF (546840 (M)) U ANITA MICALLEF (I.D. 200145 (M))**

***VERSUS***

**EDMUND GRECH (I.D. 470640 (M)) U MARY STELLA GRECH (I.D. 604138 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' April 2021 (a fol. 1 et seq) l-atturi talbu mingħand il-konvenuti l-ammont ta' tliet elef u seba' mija u disgħa Ewro (Eur 3,709.00) bħala bilanċ dovut ta' sehem il-konvenuti fir-rigward ta' spejjeż inkorsi mill-atturi minħabba l-lanċja li ġġib l-isem Monte Carmelo bin-numru tar-reġistrazzjoni MFC 5840.

Ra illi l-konvenuti ippreżentaw ir-risposta tagħhom fit-3 ta' Ġunju 2021 (a fol. 41).

Ra illi l-konvenuti ippreżentaw ukoll il-kontro-talba tagħhom fit-3 ta' Ġunju 2021 (a fol. 42 u 43).

Ra illi l-atturi rikonvenzjonati ippreżentaw ir-risposta tagħhom fir-rigward tal-kontro fl-1 ta' Lulju 2021 (a fol. 46).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fil-21 ta' Ottubru 2021, l-atturi għalqu il-provi tagħhom (a fol. 48).

Ra illi fil-15 ta' Ġunju 2022, il-konvenuti għalqu il-provi tagħhom (a fol. 306).

Ra illi l-partijiet iddikjaraw illi l-provi huma kollha hekk magħluqa fil-15 ta' Ġunju 2022 (a fol. 306).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għal sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi ma hux fatt kontestat bejn il-partijiet illi huma komproprjetarji tal-lanċja li ġġib l-isem Monte Carmelo bin-numru tar-reġistrazzjoni MFC 5840.

Ma hux anqas kontestat illi kien hemm diġa' sentenza li ngħatat mill-Prim'Awla Qorti Ċivili datata 28 ta' Lulju 2014 u sentenza tal-appell mill-imsemmija sentenza datata 16 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet inversi.

Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hu dwar l-ispejjeż inkorsi mill-attuir fir-rigward tal-lanċja hawn fuq imsemmija bejn il-perjodu tas-snin 2011 u 2020. Tali spejjeż huma ħlas tar-reġistrazzjoni tal-lanċja, ħlas tal-liċenzja tal-lanċja, ħlas sabiex tinżamm il-lanċja ġo post sigur, ittra mibgħuta mit-Transport Malta tramite l-Qorti u *survey report* tal-lanċja.

Il-preskrizzjoni

Il-konvenuti eċċeppew il-preskrizzjoni fir-risposta ippreżentata minnhom mingħajr pero' ma rreferew għal Artikolu preċiż tal-Liġi. B'dan illi pero' fin-nota tas-sottomissjonijiet, u liema parti tan-nota tinsab a fol. 354, il-konvenuti rreferew għall-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan it-Tribunal jinnota illi l-imsemmi Artikolu tal-Liġi jipprovdi illi l-azzjoni "*għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*" taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin, jew dik hekk imsejħa kwinkennali.

Biss pero', fir-rigward tal-ħlasijiet tar-reġistrazzjoni u liċenzja tal-lanċja għandu japplika Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi illi "*Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja*" u dan għaliex meta xehed l-istess konvenut Edmund Grech fil-15 ta' Ġunju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 321, huwa xehed illi "*dak li huma licenzji u insurance qed dejjem inhallashom*."

Fir-rigward tal-ispejjeż l-oħra hawn fuq imsemmija u anke dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti, dan it-Tribunal jagħraf ukoll illi hemm ukoll Artikolu 2125 (a) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi illi il-preskrizzjoni hi sospiża "*kwantu għall-jeddijiet*

*kondizzjonali, sakemm il-kondizzjoni ma sseħħx*." B'dan illi imbagħad Artikolu 1052 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ifisser obbligazzjoni kondizzjonali billi jipprovdi illi "*L-obbligazzjoni hija kondizzjonali meta tkun magħmula litiddependi minn ġrajja mhux żgura u li għad trid tiġri, sew billi l-obbligazzjoni tinżamm sospiża sakemm il-ġrajja tiġri, kemm billi tiġi maħlula kemm-il darba l-ġrajja tiġri jew ma tiġrix*." L-Onorabbli Qorti tagħna wkoll kellha l-opportunita' illi tispjega tali Artikoli f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenzi ***Mary u George Zammit v. Rosemary u Joseph Gonzi***[1] u ***Elnara Shorazova rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, l Avukat Dr Louis Cassar Pullicino v. Avukat Pio M. Valletta***.[2] B'mod iktar ċar, l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Mira Motor Sales Limited v. Joseph u Maria Theresa konjugi Zarb***[3] qalet illi tali kondizzjoni tista' tkun meta parti tkun qed tistenna l-ewwel l-eżitu ta' sentenza li trid tkun mogħtija mill-Qorti.

F'dan il-każ, hu fatt mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuti fetħu kawża kontra l-atturi fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sena 2007 u ngħatat sentenza f'dan ir-rigward fit-28 ta' Lulju 2014. Wara, kien hemm appell u s-sentenza tal-appell ingħatat fis-16 ta' Diċembru 2019. Tali sentenzi kienu dwar spejjeż intavolati mill-partijiet rispettivi fir-rigward tal-lanċja hawn fuq imsemmija. Dan iwassal illi mingħajr dubju l-atturi kellhom jistennew l-eżitu tal-ewwel azzjoni istitwita fl-2007 sabiex jiddeterminaw jekk hux applikabbli illi jistitwixxu din l-azzjoni. B'dan illi għaldaqstant, il-preskrizzjoni reġgħet bdiet tiddekorri a favur il-konvenuti fis-sena 2019 u ċioe' meta ingħatat is-sentenza tal-appell b'dan illi pero' l-atturi ippreżentaw din l-imsemmija talba quddiem dan it-Tribunal fl-2021 u b'dan illi għaldaqstant, il-preskrizzjoni eċċeppita mill-konvenuti m'hiex applikabbli.

<u>L-ispejjeż inkorsi fir-rigward tal-lanċja</u>

Ma hemm ebda dubju f'dan il-każ, u dan għaliex kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti ammettew, illi l-lanċja hi tal-partijiet f'ishma indaqs b'dan illi huma komproprjetarji. B'dan illi għaldaqstant, l-atturi għandhom l-obbligu illi jħallsu nofs l-ispejjeż fir-rigward tal-lanċja mis-sena 2011 sas-sena 2020 u l-konvenuti jħallsu nofs l-ispejjeż ukoll għall-istess lanċja u perjodu hawn imsemmi u dan għaliex għandu japplika Artikoli 490 (2) u 493 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan it-Tribunal issa ser iħares lejn it-tifsira tal-ħaġa li tinżamm fi stat tajjeb. Huwa ben saput illi l-Liġi nostrana tipprovdi illi wieħed għandu japplika il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja meta jieħu ħsieb il-proprjeta', u dan skond l-Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher ċar illi l-atturi imxew b'mod diliġenti u prudenti peress illi komplew iħallsu r-reġistrazzjoni u l-liċenzji tal-lanċja anke meta kienet għaddejja l-kawża fl-ismijiet inversi. Imbagħad, fir-rigward tal-*boat yard*, l-attur Carmel Micallef qal fl-affidavit tiegħu li kien ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2021 illi l-lanċja kienet l-

[1] 31 ta' Ottubru 2007, Qorti tal-Appell (Ref.: 1055/2002/1

[2] 31 ta' Mejju 2023, Qorti tal-Appell (Ref.: 1041/2020/1

[3] 15 ta' Ottubru 2018, Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ref.: 185/06)

ewwel qed tinżamm għand Lonzu Garage taħt saqaf imma kellha titneħħa minn hemm meta l-konvenuti għażlu li ma jħallsux sehemhom anke wara li l-partijiet kollha irċevew ittra mingħand sid il-Lonzu Garage sabiex iħallsu dak li hu dovut lilu, u liema ittra tinsab a fol. 115 sa 118. Edmund Grech, il-konvenut xehed fil-15 ta' Ġunju 2022, illi hu kien ben konsapevoli illi kienet għand Lonzu u li ma niżlet qatt lura fil-baħar għaliex hu stess xehed illi "*Ghax telghet fil-25 ta' Novembru 2004 u ma nizlet qatt*" (a fol. 327). Inoltre', ukoll, Edmund Grech xehed fl-istess xhieda, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 321, illi

"*Dr. Chris Ellul: Issa minn l-2004 'il quddiem init hallast xi flus ghad-dghajsa ghaz-zmma, ghal maintenance tad-dghajsa ghajr dak li ordnatlek is-sentenza li taf ferm tajjeb inti li kienet appellata..*

*Xhud: Right; kemm suppost kienu dawn l-ispejjez? Ghax jien ma ircevejt qatt xejn.*

*Dr. Chris Ellul: Jiena qed nistaqsik…*

*It-Tribunal: Hallast? Iva jew le.*

*Xhud: Kif?*

*It-Tribunal: Hallast? Iva jew le?*

*Xhud: Le le ma hallast xejn.*"

Dan it-Tribunal jifhem illi l-atturi ma setgħux jerfgħu ir-responsabbilta' kollha waħedhom tal-lanċja meta din il-lanċja kienet tal-konvenuti wkoll u dan għaliex tali spejjeż jitilgħu sew b'dan illi pero' mid-dokumentazzjoni ippreżentata mill-atturi, l-atturi għamlu dak kollu li setgħu sabiex din il-lanċja tinżamm sew u skond il-Liġi. Fil-fatt, Carmel Micallef xehed fl-10 ta' Mejju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 290, illi "…*Minn ghand Lonzu harget ghax lanqas ried jaraha; avolja tajtu nofs is-somma jien. Qalli nehhihieli minn hawn, ma rridx Naraha, all right. Morna f'yard x'hin iddubbajna, fejn sibna, ghax kolla kienu full up Alla jbierek! All right? U wara ftit ta' zmien qalilna sid il-yard ejjew nehhuha ghax ghandi zmien biex innehhi kollox; haw kif tghid? Ried inaddaf l-art hawn fejn kienu…*" Ukoll, tant l-atturi mxew sew lejn il-konvenuti u skond dak li titlob il-Liġi illi għalkemm l-atturi kellhom aċċess ampju għal-lanċja xorta waħda qatt ma ħarġu biha waħedhom b'dan illi fil-fatt, huwa xehed fl-istess ġurnata hawnhekk imsemmija, u liema parti tinsab a fol. 291, illi "…*il-ftehim kien li nohorgu t-tnejn f'daqqa. La jien wahdi u lanqas hu wahdu.*"

Il-konvenut, Edmund Grech, ikkontenda illi kien hemm ftehim illi l-lanċja għandha tinżamm fil-garaxx tiegħu iżda dan it-Tribunal jinnota illi l-partijiet ilhom jiġġieldu bejn wieħed u ieħor mill-2004 u kien hemm anki kawża bejniethom li ukoll kien hemm appell dwarha b'dan illi dan it-Tribunal allura jifhem u jaqbel mal-atturi li ma kienx ikun għaqli għall-partijiet kollha illi tali lanċja tinżamm ġewwa l-proprjeta' tal-konvenuti b'dan ukoll illi l-konvenuti kellhom jieħdu iktar interess fejn kienet il-lanċja u x'kien qed jiġri jekk verament riedu illi din il-lanċja ma tiddeterjorax biż-żmien. Tant hu hekk, Edmund Grech xehed fil-15 ta' Ġunju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 321, illi skond hu, hu ma kellux għalfejn joffri soluzzjoni meta nqala' d-

diżgwit bejn il-partijiet fejn ser tinżamm il-lanċja, u dan hu aġir illi juri kemm il-konvenut Edmund Grech, kien qed jaġixxi b'irresponsabbilta' kbira. Ukoll, li tinżamm lanċja fil-baħar waqt id-diżgwit bejn il-partijiet ma tidhirx illi kienet soluzzjoni ġusta, kif ittenta jgħid il-konvenut Edmund Grech. Fil-fatt, anke l-Qorti, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet inversi u li ngħatat fit-28 ta' Lulju 2014, qalet illi "*Il-qorti m'hijiex tal-fehma li kien fl-interess tal-partijiet li tinzamm fil-bahar, u lanqas ma jirrizulta li l-attur ippropona xi soluzzjoni*."

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-konvenuti huma obbligati illi jħallsu nofs l-ispejjeż inkorsi minħabba ż-żamma tal-lanċja bejn is-snin 2011 u 2020 għaliex l-atturi dejjem aġixxew b'mod diliġenti u prudenti skond kif titlob il-Liġi.

Fir-rigward tal-ispejjeż inkorsi bejn l-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2014, dan it-Tribunal ħares lejn il-konteġġi ippreparati minn Evan Mohnani, li hu *accountant* li kien tqabbad mill-atturi sabiex l-atturi ikunu ċerti illi qed jieħdu kont tal-ispejjeż fid-dettall kemm jista' jkun. F'dan ir-rigward, it-Tribunal sab kopja tal-irċevuti kollha hemm imniżżla fil-konteġġi tal-imsemmi *accountant* u li jinsabu a fol. 79 sa 96. Kien hemm spejjeż oħra relatati mat-trasport tal-lanċja minn post għal ieħor fejn l-attur Carmel Micallef qal illi kellu jmexxi l-lanċja b'dan illi ma hemmx dubju dwar dawn l-ispejjeż inkorsi.

Fir-rigward tal-ispejjeż inkorsi bejn l-1 ta' Frar 2014 sat-30 ta' Diċembru 2020, dan it-Tribunal reġa' ħares lejn il-konteġġi ippreparati minn Evan Mohnani. Fir-rigward tal-ħlas tal-liċenzja tal-lanċja, l-atturi ippreżentaw kopja tal-irċevuti u li jinsabu a fol. 59 sa 61 u a fol. 64 u 65. Fir-rigward tal-ħlas tar-reġistrazzjoni tal-lanċja bejn is-snin 2014 u 2019, l-atturi ippreżentaw kopja tal-irċevuti u kopja tal-ittri mingħand Transport Malta li jinsabu a fol. 67 sa 75. Dan it-Tribunal innota li għal kull buon fini ma hemmx l-irċevuta tas-sena 2014 iżda hemm kopja tal-ittra uffiċjali fejn hemm ukoll miktub illi "*Registration fees for any one year paid after the anniversary of registration for that year shall be increased by ten percent*" u skond il-konteġġi ta' dawk is-snin ippreparati minn Evan Mohnani jidher ċar illi l-atturi ħallsu l-istess miżata bħas-snin l-oħra b'dan illi fuq bażi ta' probabbilita' jidher ċar illi l-atturi ħallsu fil-ħin. Fir-rigward tal-Magħtab *boat storage*, ma hemmx irċevuti ippreżentati iżda jidher ċar illi tali spejjeż verament intefqu għaliex l-attur Carmel Micallef ukoll qal illi tali lanċja għadha hemmhekk. Fil-fatt, Carmel Micallef xehed fl-10 ta' Mejju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 291, illi "*Lonzu, wahda l-Maghtab, u t-tielet wahda l-Maghtab ukoll; it-tielet, tlieta*." Tali spejjeż ma jidhirx illi huma eżoberanti u ukoll tnaqqsu mas-snin. Fir-rigward tas-*survey report*, it-Tribunal ra illi hemm kopja tiegħu a fol. 100 sa 114, għalkemm ma hemmx kopja tal-irċevuta b'dan illi ma kien iwaqqaf xejn lill-konvenuti milli itellgħu lil Elio Desira milli jixhed u dan m'għamluhx.

B'dan illi dan it-Tribunal hu konvint fuq bażi ta' probabbilita' illi l-konvenuti huma obbligati illi jħallsu l-ammont ta' tliet elef u seba' mija u disgħa Ewro (Eur 3,709.00) skond il-konteġġi ippreparati minn Evan Mohnani, konteġġi illi huma dettaljati.

Fir-rigward tal-imgħax, dan it-Tribunal ser jaddotta l-istess insenjament illi l-Qorti applikat fis-sentenzi tagħha fl-ismijiet inversi b'dan illi ma hemm ebda imgħax dovut f'dan il-każ fuq l-

ammont hawn fuq imsemmi.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, dan it-Tribunal jirrimarka wkoll illi l-kawża fl-ismijiet inversi kienet biss fuq perjodu ieħor u mhux dak imressaq mill-atturi f'din it-talba b'dan illi l-prinċipju tar-*res judicata* ma huwiex applikabbli f'dan il-każ.

Talba rikonvenzjonali

Il-konvenuti għamlu kontro-talba u qed jippretendu ħlas fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) fejn allegaw illi l-atturi m'applikawx il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja meta kienu qed jieħdu ħsieb il-lanċja hawn fuq imsemmija.

Biss pero' kif kien diskuss iktar 'il fuq, l-atturi għamlu minn kollox sabiex ippruvaw iżommu din il-lanċja kif suppost u ħadu responsabbilta' kbira sabiex wettqu tali obbligu. Inoltre', dan it-Tribunal jaqbel perfettament ma dak illi ppronunzjat il-Qorti fl-ismijiet inversi fit-28 ta' Lulju 2014 meta qalet illi "*il-qorti ma temminx li l-attur ma kienx jaf fejn qeghda tinzamm id-dghajsa*." Ukoll, mix-xhieda tal-konvenut Edmund Grech datata 15 ta' Ġunju 2022, jidher illi Edmund Grech kien jaf li l-lanċja qiegħda tinżamm ġo *boat yard* imma għażel li jaddotta l-aġir illi ma jafx u dan għaliex fl-imsemmija xhieda, Edmund Grech l-ewwel xehed illi "*lanqas kont naf fejn qieghda d-dghajsa…*" (a fol. 322) imbagħad xehed illi "*il-lanca nhattfet u ha l-patrocinju taghha s-Sur Micallef. Meta ltqajna fit-2007 ghedtlu car u tond jekk ma tkomplix skont il-ftehim tieghi init dawk mhux ser thallas xejn. Hu kien jaf. U baqa' jinsisti meta kien jaf li jiena kontra taghha wkoll, ghat-tielet darba dik, u zammha f'boat yard wahda wara l-ohra*" (a fol. 323).

B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba rikonvenzjonali.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-atturi għall-ammont ta' tliet elef u seba' mija u disgħa Ewro (Eur 3,709.00) bħala bilanċ dovut ta' sehem il-konvenuti fir-rigward ta' spejjeż inkorsi mill-atturi għaż-żamma tal-lanċja li ġġib l-isem Monte Carmelo bin-numru tar-reġistrazzjoni MFC 5840 bejn is-snin 2011 sal-2020.

Dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba rikonvenzjonali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenuti.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur